IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2017
COM(2017) 487 final

2017/0224 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea

{SWD(2017) 297 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Minħabba li huwa sors importanti ta' tkabbir, impjiegi u innovazzjoni, l-investiment dirett barrani minn dejjem kien essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan ġab benefiċċji sinifikanti lill-Unjoni u liċ-ċittadini billi appoġġa l-benefiċċji tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni u kkontribwixxa għal proġetti u programmi oħrajn tal-Unjoni. Huwa għalhekk li l-UE żżomm ambjent ta' investiment miftuħ u tilqa' b'sodisfazzjon l-investiment barrani.

Fil-Karta ta' Riflessjoni tagħha dwar "l-Immaniġġjar tal-Globalizzazzjoni" li ħarġet fl-10 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni kkonfermat li *l-aċċess miftuħ għall-investiment barrani jibqa' prinċipju ewlieni għall-UE u sors ewlieni ta' tkabbir,* imma fl-istess ħin hija rrikonoxxiet li kien hemm xi *tħassib dwar l-investituri barranin, speċjalment intrapriżi tal-Istat, li jieħdu f'idejhom kumpaniji Ewropej b'teknoloġiji importanti għal raġunijiet strateġiċi,* u li *l-investituri tal-UE spiss ma jgawdux l-istess drittijiet li jinvestu fil-pajjiż li minnu joriġina l-investiment.* Il-Kummissjoni kkonfermat li dan it-*tħassib jeħtieġ analiżi b'attenzjoni u azzjoni xierqa.*

Filwaqt li l-aċċess miftuħ tal-Unjoni għal investiment dirett barrani mhuwiex se jinbidel, dan irid ikun akkumpanjat minn politiki vigoruż u effettivi sabiex, minn naħa jiftaħ ekonomiji oħrajn u jiżgura li kulħadd ikollu jsegwi l-istess regoli, u min-naħa l-oħra, jipproteġi l-assi kritiċi Ewropej minn investiment li jkun ta' detriment għall-interessi leġittimi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja din il-proposta tipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa tar-reazzjonijiet ta' politika għall-isfidi tal-globalizzazzjoni fil-qasam tal-investiment barrani dirett. Din il-proposta tipprovdi reazzjoni ta' politika biex tipproteġi l-interessi leġittimi f'dak li għandu x'jaqsam ma' investimenti diretti barranin li jqajmu tħassib dwar is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

L-objettiv tal-abbozz ta' Regolament huwa li jiġi stabbilit qafas għall-Istati Membri, u f'ċerti każijiet għall-Kummissjoni, għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jippermetti lill-Istati Membri jieħdu kont tas-sitwazzjonijiet individwali u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.

Ir-Regolament propost jipprovdi ċertezza legali għal Stati Membri li jżommu mekkaniżmu ta' skrinjar[1] għal investiment dirett barrani jew li jixtiequ jadottaw mekkaniżmu bħal dan minħabba l-kompetenza esklussiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, li tinkludi investiment dirett barrani skont l-Artikoli 3(1)(e) u 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

Il-qafas ta' abilitazzjoni propost iqis id-diversità eżistenti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin. Illum kważi nofs l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ mekkaniżmi tal-iskrinjar, filwaqt li l-Istati Membri l-oħrajn ma għandhomx mekkaniżmi bħal dawn. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi eżistenti ta' skrinjar huma kkaratterizzati minn differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u l-proċedura: *ex-ante* / *ex-post*; notifika volontarja /

[1] Mekkaniżmu li jippermetti lill-Istat biex jissorvelja investimenti barranin f'kumpaniji/setturi kkunsidrati ta' importanza strateġika u li jopponihom taħt ċerti kundizzjonijiet.

obbligatorja; kopertura ġenerali / settorjali; kumpaniji / assi; applikabbli għal investimenti minn Stati Membri oħrajn u pajjiżi terzi jew pajjiżi terzi biss, eċċ. [2]

Ir-Regolament propost ma jeħtieġx li l-Istati Membri jadottaw jew iżommu mekkaniżmu ta' skrinjar għal investiment dirett barrani. L-objettiv tiegħu huwa li joħloq qafas ta' abilitazzjoni għal Stati Membri li diġà għandhom jew li jixtiequ li jagħmlu fis-seħħ mekkaniżmu ta' skrinjar, u li jiżgura li tali mekkaniżmu ta' skrinjar jissodisfa xi rekwiżiti bażiċi, bħall-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet, nondiskriminazzjoni bejn pajjiżi terzi differenti u t-trasparenza.

L-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi iktar mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jinfurmaw lil xulxin dwar investiment dirett barrani li jista' jhedded lis-sigurtà jew lill-ordni pubbliku u biex ikun hemm skambju ta' informazzjoni f'dan ir-rigward. Dan il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandu jippermetti wkoll diskussjoni profonda bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u koordinazzjoni aħjar ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar l-iskrinjar meħuda mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri kkonċernati. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandu jżid l-għarfien tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar l-investimenti diretti barranin ippjanati jew lesti li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku.

Ir-Regolament propost jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq skrinjar għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku, f'każijiet meta investiment dirett barrani jkun jista' jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni. Għalhekk, ir-Regolament propost jipprevedi għodda kumplementari biex jipproteġi tali proġetti u programmi flimkien mal-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni.

Sabiex tiġi akkwistata l-kooperazzjoni prevista bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u sabiex jippermetti skrinjar ta' natura sinifikanti kemm minn Stat Membru ieħor ikkonċernat jew mill-Kummissjoni f'każ li jiġu affettwati proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni, ir-Regolament propost jirrikjedi li l-Istati Membri jinfurmaw lil Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe investiment dirett barrani li jkun qed jgħaddi minn skrinjar fi ħdan il-qafas tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar tagħhom. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni proposti se jippermettu li Stat Membru jqajjem tħassib f'dak li għandu x'jaqsam ma' investiment dirett barrani fi Stat Membru ieħor u jipprovdi kummenti. Il-Kummissjoni tista' wkoll toħroġ opinjoni li ma torbotx dwar tali investiment dirett barrani. Finalment, huwa propost li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jirrikjedu xi informazzjoni bażika, fuq bażi ta' każ b'każ, fir-rigward ta' investiment dirett barrani speċifiku sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw aktar jekk tali investiment jaffettwax jew jheddidx li jaffettwa lis-sigurtà jew lill-ordni pubbliku.

Din il-proposta mhix se tiġi kkunsidrata bħala inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar il-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-objettiv tal-proposta huwa li jappoġġa l-objettivi globali tal-politika tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, speċjalment fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha mal-kumplament tad-dinja biex tiddefendi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni, u biex

[2] Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar il-kumpatibbiltà sħiħa tal-mekkaniżmi kollha tal-iskrinjar mal-liġi tal-UE.

tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha, għall-paċi, għas-sigurtà u għall-kummerċ ħieles u ġust.

Il-proposta hija għalkollox konformi mal-Komunikazzjoni tal-2015 "Kummerċ għal Kulħadd"[3] sabiex jinħoloq reġim ibbażat fuq regoli inter alia għall-investimenti kif ukoll mal-"Karta ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Immaniġġjar tal-Globalizzazzjoni" li ħarġet fl-10 ta' Mejju 2017.

Ir-Regolament propost jolqot il-bilanċ xieraq bejn, minn naħa, l-objettiv li jiġi indirizzat tħassib leġittimu li jitqajjem fir-rigward ta' ċerti investimenti diretti barranin u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jinżamm reġim miftuħ u akkoljenti għal tali investiment fl-Unjoni, filwaqt li jkun kompatibbli bis-sħiħ mal-liġi tal-UE u mal-impenji internazzjonali. Din il-proposta hija akkumpanjata minn Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-kuntest usa' ta' din il-proposta.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament propost se jikkumplimenta, huwa konsistenti ma' u ma jaffettwax politiki u inizjattivi oħra tal-Unjoni, li jinkludu, b'mod partikolari dan li ġej:

Il-moviment liberu tal-kapital u l-libertà ta' stabbiliment

L-investiment dirett barrani huwa moviment tal-kapital skont l-Artikolu 63 TFUE. L-Artikolu 63 TFUE jipprojbixxi kwalunkwe restrizzjoni għal movimenti tal-kapital bejn Stati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi. Mekkaniżmi ta' skrinjar ta' investimenti jistgħu jirrappreżentaw restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital li, madankollu, jista' jkun ġġustifikat meta jkun neċessarju, u proporzjonat għall-kisba tal-objettivi definiti fit-Trattat, inkluż fuq raġunijiet ta' sigurtà pubblika u ta' politika pubblika (l-Artikolu 65 TFUE) jew għal raġunijiet imperattivi fl-interess ġenerali, kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni meta jiddeċiedu fuq il-politika pubblika u rekwiżiti tas-sigurtà pubblika fid-dawl tal-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom,[4] dawk l-interessi pubbliċi ma jistgħux jiġu determinati unilateralment mill-Istati Membri mingħajr ebda kontroll mill-istituzzjonijiet tal-UE u għandhom jiġu interpretati b'mod strett: Jistgħu jiġu invokati biss jekk ikun hemm theddida ġenwina u serja biżżejjed lejn interess fundamentali tas-soċjetà[5]. Restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali ma għandhomx jiġu applikati ħażin biex fil-verità, iservu għanijiet purament ekonomiċi. Barra minn hekk, mekkaniżmi ta' skrinjar ta' investiment għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali. Dawn il-prinċipji jirrikjedu li l-prinċipju u l-kriterji għall-iskrinjar tal-investiment huma definiti b'mod nondiskriminatorju u b'mod preċiż biżżejjed. L-investituri potenzjali għandhom ikunu jistgħu isiru jafu tali mekkaniżmi minn qabel u jkunu jistgħu jitolbu stħarriġ ġudizzjarju.

Ir-Regolament propost huwa konsistenti ma' dawn ir-rekwiżiti. Huwa jikkonferma li Stati Membri jistgħu jiskrinjaw investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku u jistabbilixxi rekwiżiti proċedurali bażiċi għal mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri, bħat-traparenza, in-nondiskriminazzjoni bejn pajjiżi terzi differenti u l-istħarriġ ġudizzjarju.

---

3 COM(2015) 497,14.10.2015.

4 Il-Kawża C-265/95, il-Kummissjoni vs Franza ("frawli"), paragrafu 33.

5 Il-Kawża C-463/00, il-Kummissjoni vs Spanja, paragrafu 34; Il-Kawża C-212/09 il-Kummissjoni vs il-Portugall, paragrafu 83 u l-Kawża C-244/11 il-Kummissjoni vs il-Greċja, paragrafu 67.

Investiment dirett barrani jista' jwassal għall-istabbiliment ta' investitur ta' pajjiż terz fl-UE, pereżempju, meta tali investiment jakkwista sehem kontrollanti f'impriża bbażata fl-UE. L-Artikolu 49 TFUE jipprojbixxi restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Filwaqt li l-Artikolu 63 TFUE japplika wkoll għal movimenti ta' kapital minn pajjiżi terzi, l-Artikolu 49 TFUE ma japplikax għall-istabbiliment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE. Ghalhekk, ir-Regolament propost ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment.

Ir-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE

L-investimenti diretti barranin jistgħu jkunu fil-forma ta' fużjonijiet, akkwiżizzjonijiet jew impriżi konġunti li jikkostitwixxu konċentrazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE[6]. Fir-rigward ta' tali konċentrazzjonijiet, l-Artikolu 21(4) tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE jippermetti li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa li jipproteġu l-interessi leġittimi, bil-kundizzjoni li jkunu kumpatibbli mal-prinċipji ġenerali u mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi tal-Unjoni. Għal dak il-għan, l-Artikolu 21(4), it-tieni paragrafu, jirrikonoxxi espliċitament il-protezzjoni ta' sigurtà pubblika, il-pluralità tal-mezzi tax-xandir u regoli prudenzjali bħala interessi leġittimi. Deċiżjonijiet ta' skrinjar meħuda taħt ir-Regolament propost biex jipproteġu dawn l-interessi ma għandhomx bżonn jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, bil-kundizzjoni li jkunu kumpatibbli mal-prinċipji ġenerali u mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, meta Stat Membru jkun biħsiebu jieħu deċiżjoni ta' skrinjar taħt ir-Regolament propost biex jipproteġi interessi pubbliċi oħrajn, huwa se jkollu bżonn jikkomunikaha lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu jekk id-deċiżjoni tikkonċerna konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni se tiżgura konsistenza fl-applikazzjoni tar-Regolament propost u tal-Artikolu 21(4)[7]. Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv taż-żewġ regolamenti jikkoinċidu, ir-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost u l-kunċett ta' interessi leġittimi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu tar-Regolamet dwar il-Fużjonijiet tal-UE, għandhom jiġu interpretati b'mod koerenti mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali mmirati lejn il-protezzjoni ta' dawn l-interessi mal-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni.

L-Enerġija

Tul is-snin l-Unjoni adottat leġiżlazzjoni biex ittejjeb is-sigurtà tal-provvista fil-qasam tal-enerġija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Id-Direttiva dwar l-Infrastruttura Kritika[8] tirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jħejju pjanijiet ta' sigurtà. Id-Direttivi tal-Elettriku u tal-Gass tal-hekk imsejjaħ It-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

7 Sabiex jiġi żgurat trattament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' skrinjar għall-investiment dirett barrani fil-livell nazzjonali u l-proċedura skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE, jista' jkun utli li l-Istati Membri jindikaw jekk ikunx probabbli li tranżazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet tal-UE meta jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li bdew proċedura ta' skrinjar skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament propost.

8 Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p.75).

(id-Direttiva 2009/72/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku[9]; Id-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass naturali[10]) jinkludu dispożizzjonijiet li jeħtieġu valutazzjoni ta' implikazzjonijiet tas-sigurtà tal-provvista għall-Istat Membru kkonċernat imma wkoll għall-UE kollha kemm hi fejn is-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku jew tal-gass ta' Stat Membru tkun ikkontrollata minn operatur minn pajjiż terz. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass[11] jiffoka speċifikament fuq it-tħassib dwar is-sigurtà u jirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu Valutazzjonijiet tar-Riskju, fil-livell nazzjonali u reġjonali, fejn jivvalutaw ir-riskji kollha possibbli għas-sistema tal-gass, inklużi r-riskji assoċjati mal-kontroll tal-infrastruttura rilevanti għas-sigurtà tal-provvista minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, u jħejju Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva u Pjanijiet ta' Emerġenza b'miżuri biex itaffu dawk ir-riskji. Bl-istess mod, il-proposta għat-Tħejjija għar-Riskji[12] fiha dispożizzjonijiet simili għas-settur tal-elettriku. Entitajiet tal-enerġija huma wkoll inklużi espressament fid-Direttiva dwar is-sigurtà tal-infrastruttura tan-netwerks[13] bħala servizzi essenzjali.

Il-materja prima

Sabiex tindirizza t-tħassib dejjem jikber ta' materja prima ta' valur għall-ekonomija tal-Unjoni, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva Ewropea tal-Materja Prima fl-2008. Din hija strateġija integrata li tistabbilixxi l-miżuri mmirati biex jiġi żgurat u mtejjeb l-aċċess għal materji prima għall-UE. Waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità tal-Inizjattiva kienet li tistabbilixxi lista ta' Materja Prima Kritika fil-livell tal-UE. Din il-lista fiha materja prima li jilħqu jew jaqbżu l-limiti għal kemm l-Importanza Ekonomika kif ukoll ir-Riskju tal-Provvista. Il-Kummissjoni stabbiliet l-ewwel lista fl-2011 u żammet mal-impenn tagħha li taġġornaha, ta' mill-inqas, kull tliet snin biex tirrifletti s-suq, il-produzzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi[14]. Ġiet ippubblikata t-tieni lista fl-2014 u lista ġdida tiġi ppubblikata b'mod parallel ma' dan ir-Regolament.

Il-lista ta' Materja Prima Kritika għandha tgħin biex tinċentiva l-produzzjoni Ewropea ta' Materja Prima Kritika u biex tiffaċilita t-tnedija ta' attivitajiet ġodda ta' tħaffir fil-minjieri u riċiklaġġ. Fis-snin reċenti l-Kummissjoni qieset il-lista ta' Materja Prima Kritika permezz ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet fl-oqsma tal-Kummerċ, ir-relazzjonijiet internazzjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-bażi tal-għarfien u l-ekonomija ċirkolari. L-UE tappoġġa inizjattivi ta' politika kumplementari minn Stati Membri li huma wkoll involuti fit-tħejjija tal-lista ta' Materja Prima Kritika.

Iċ-ċibersigurtà u l-komunikazzjonijiet elettroniċi

[9] Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

[10] Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

[11] Ir-Regolament il-ġdid li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 994/2010 bħalissa huwa fil-proċess tal-adozzjoni u huwa mistenni li jidħol fis-seħħ fil-ħarifa 2017.

[12] COM (2016) 318, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2005/89/KE

[13] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni, ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

[14] Il-Komunikazzjoni "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima", COM(2011)25

Ir-Regolament propost ser ikun kumplementari għall-politiki tal-UE fl-oqsma ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, iċ-ċibersigurtà, il-ħarsien tal-infrastruttura kritika, u l-kompetittività industrijali f'prodotti u servizzi taċ-ċibersigurtà. Il-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà dwar Strateġija ta' Ċibersigurtà għall-Unjoni Ewropea stabbiliet viżjoni għal ċiberspazju miftuħ u sikur[15]. Din kienet segwita mir-Regolamet Nru 283/2014[16], li jidentifika proġetti ta' interess komuni fil-qasam ta' netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva 2016/1148 timponi obbligi ta' tħejjija għas-sigurtà ċibernetika fuq l-Istati Membri u tintroduċi t-tħejjija u r-rekwiżiti ta' notifika għall-operaturi tas-servizzi essenzjali u għall-fornituri tas-servizzi diġitali[17]. F'Lulju 2016, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija ta' sħubija pubblika-privata dwar iċ-ċibersigurtà u miżuri ta' politika addizzjonali orjentati lejn is-suq biex tagħti spinta lill-kapaċitajiet industrijali fl-Ewropa[18]. Il-fondi tal-UE minn Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wkoll jintużaw għall-għanijiet li jissemmew fuq. [19] F'Settembru 2017, il-Kummissjoni ressqet ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi approċċ komprensiv tal-UE għaċ-ċibersigurtà, inkluż fil-livell globali; Hija pproponiet ukoll Regolament li jwaqqaf qafas tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà taċ-ċibersigurtà sabiex jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq u sabiex jagħmilha iktar faċli għall-utenti biex ikunu jafu jekk prodotti u servizzi tal-ICT, inkluż oġġetti konnessi humiex ċibersikuri.

Trasport bl-ajru

Ir-Regolament propost mhuwiex se jaffettwa r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar ir-regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità[20], peress li dan tal-aħħar ma jistabbilix mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-investiment. Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jistipula, bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja operatorja għal impriża awtorizzata li ġġorr passiġġieri, posta jew merkanzija bl-ajru għal rimunerazzjoni jew kera, li Stati Membri jew ċittadini ta' Stati Membri ikunu proprjetarji ta' aktar minn 50% tal-impriża u jkunu effettivament jikkontrollawha (l-Artikolu 4).

L-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwiżizzjonijiet fis-settur finanzjarju

Il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-settur finanzjarju tipprevedi s-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu evalwazzjoni prudenzjali tal- akkwiżizzjonijiet u taż-żidiet f'holdings f'istituzzjonijiet finanzjarji (jiġifieri l-istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment, u impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni). Hija tistabbilixxi rekwiżiti ta' notifika, regoli proċedurali u kriterja ta' evalwazzjoni għal tali evalwazzjonijiet. L-objettiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dawn ir-regoli huma previsti fid-Direttiva 2007/44/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-

15 JOIN(2013) 1 final, 7.2.2013.

16 Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE, ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.

17 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2016) 410 dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u t-Trawwim ta' Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva.

19 Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE

20 ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

settur finanzjarju, id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, id-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) u d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji[21].

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa r-regoli tal-UE għal reviżjoni prudenzjali ta' akkwisti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikattivi fis-settur finanzjarju, li jibqgħu proċedura distinta b'għan speċifiku.

Il-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa l-kontroll tal-esportazzjoni tal-oġġetti b'użu doppju rregolati mir-Regolament (KE) Nru 428/2009[22]. Il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju huwa soġġett għal kontrolli bl-għan li jiġu evitati r-riskji li dawn l-oġġetti jippreżentaw għas-sigurtà internazzjonali. Il-kontrolli ġejjin minn obbligi internazzjonali u huma f'konformità mal-impenji miftiehma f'reġimi multilaterali ta' kontroll tal-esportazzjoni. Ir-reġim tal-UE dwar il-kontroll fuq l-esportazzjoni huwa rregolat mir-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju, li jipprovdi għal regoli komuni ta' kontroll, lista komuni ta' oġġetti b'użu doppju kif ukoll il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni biex jappoġġja l-implimentazzjoni u l-infurzar matul il-Unjoni. Ir-Regolament huwa vinkolanti u japplika direttament fl-UE kollha.

Il-politika spazjali Ewropea

Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija spazjali għall-Ewropa, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li tkun indirizzata l-vulnerabbiltà tal-ktajjen tal-provvista Ewropej. It-twaqqif ta' qafas għall-iskrinjar tal-investiment dirett barrani jappoġġa dan l-għan.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-investiment dirett barrani huwa inkluż fil-lista tas-suġġetti li jagħmlu parti mill-politika kummerċjali komuni skont l-Artikolu 207(1) tat-TFUE. Skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni.

---

21 Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju (ĠU L 247, 21.9.2007, p. 1–16), Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338–436), Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p.1-155), Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p.349-496).

22 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

Għal dan il-għan, l-Unjoni biss tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti f'dan il-qasam.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fir-rigward tal-investiment dirett barrani li huwa inkluż fil-lista tas-suġġetti li jagħmlu parti mill-politika kummerċjali komuni skont l-Artikolu 207(1) TFUE.

- **Proporzjonalità**

Id-dispożizzjonijiet f'din il-proposta huma limitati għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament u għalhekk jikkonformaw mal-prinċipji ta' proporzjonalità.

Il-proposta toħloq qafas li jippermetti lill-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku. Ir-regolament propost ma jeħtieġx li l-Istati Membri jadottaw mekkaniżmu ta' skrinjar għall-investiment dirett barrani, u lanqas ma jistipula b'mod eżawrjenti l-elementi sostantivi jew proċedurali għall-mekkaniżmi ta' skrinjar. Huwa jistpula biss rekwiżiti bażiċi li għandhom ikunu komuni għall-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri.

Il-proposta toħloq mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jikkondividu informazzjoni dwar investiment dirett barrani ppjanat jew imwettaq fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri. Hija tipprevedi wkoll l-possibbiltà li Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jikkummentaw fuq tali investiment, iżda tħalli l-aħħar deċiżjoni dwar tweġiba xierqa lill-Istati Membri fejn ikun ippjanat jew imwettaq l-investiment.

Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi l-possibiltà li l-Kummissjoni tiskrinja l-investiment dirett barrani li x'aktarx ikollu effett fuq proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà u l-ordni pubbliku. Il-proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari dawk li jinvolvu finanzjament sostanzjali mill-UE, jew dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar infrastruttura, teknoloġija jew kontributi kritiċi. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, ġiet inkluża lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-għan tal-iskrinjar jibqa' limitat għal theddid potenzjali għas-sigurtà u l-ordni pubbliku. Il-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni li tipprovdi opinjoni lill-Istati Membri li fiha l-investiment jiġi ppjanat jew ikkompletat, filwaqt li tħalli f'idejn dawk l-Istati Membri id-deċiżjoni finali dwar tweġiba xierqa.

Fl-aħħar nett, għalkemm diġà jeżistu għadd ta' rekwiżiti fuq livell tal-UE u tal-Istati Membri fuq l-iżvelar ta' proprjetà f'ishma (shareholdings) kbar[23], dawn ir-rekwiżiti essenzjalment jikkonċernaw il-kumpaniji elenkati u ma jinkludux l-obbligu li tingħata l-informazzjoni neċessarja sabiex issir valutazzjoni sħiħa tal-investiment dirett barrani ppjanat jew imwettaq. Ir-Regolament propost għalhekk jintroduċi l-mezzi għall-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jitolbu informazzjoni għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-Regolament propost, filwaqt li jiġi

[23] Ara b'mod partikolari d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38); id-Direttiva 2004/25/KE fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12).

limitat il-piż fuq l-Istati Membri, l-investituri u l-kumpaniji tal-UE billi ma jkunux meħtieġa jipprovdu din l-informazzjoni minn qabel.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 207(2) TFUE jistipula li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dan ir-Regolament propost huwa inizjattiva ta' politika ġdida marbuta mal-kompetenza esklussiva fuq l-investiment dirett barrani li hija parti mill-politika kummerċjali komuni, mogħtija lill-Unjoni mit-Trattat ta' Lisbona. S'issa għad ma kienx hawn leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskrinjar tal-investiment barrani fuq livell tal-UE.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament u b'mod partikolari l-objettiv tagħha li, inter alia, tiżgura koordinazzjoni tal-UE għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani fl-Unjoni Ewropea għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet ma' Stati Membri li kienu qegħdin ifittxu b'mod attiv intervent tal-UE f'dan il-qasam ta' politika, kif ukoll xi Stati Membri oħra, irrispettivament minn jekk għandhomx jew le mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar ta' investiment.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Meta kienet qed tfassal il-proposta tagħha għal Regolament, il-Kummissjoni użat fl-ewwel lok il-kompetenza u l-esperjenza tal-Istati Membri li jżommu fis-seħħ u joperaw mekkaniżmi ta' skrinjar tal-investiment. Il-proposta tqis ukoll l-esperjenza ta' pajjiżi terzi fl-iskrinjar tal-investiment dirett barrani. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni disponibbli mis-sħab kummerċjali ewlenin tagħha fil-proċess ta' konsultazzjonijiet informali jew miksuba permezz ta' negozjati kummerċjali, kif ukoll fuq informazzjoni li hija miftuħa għall-pubbliku.

Meta għamlet il-proposta tagħha, il-Kummissjoni żgurat li hija konformi mal-aħjar prattiki tal-OECD kif minquxa fil-Linji Gwida tagħha dwar Politiki ta' Investiment tal-Pajjiż Benefiċjarju Marbuta mas-Sigurtà Nazzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Unjoni hi waħda mill-aktar ekonomiji miftuħa għall-investiment dirett barrani li jidħol. L-investimenti 'l ġewwa lejn l-UE qegħdin dejjem jiżdiedu. Huma qegħdin jiffukaw dejjem aktar fuq setturi partikolari, fuq intrapriżi akbar mis-soltu, u li ġejjin minn intrapriżi tal-Istat jew ta' investituri b'rabtiet b'saħħithom mal-gvernijiet. B'kuntrast ma' dan, mill-2016, fuq livell globali, qegħdin jiżdiedu r-restrizzjonijiet fuq l-investiment barrani dirett.

Riċentement, seħħew serje ta' akkwiżizzjonijiet ta' kumpaniji Ewropej b'investituri barranin b'rabtiet qawwija mal-gvernijiet tal-pajjiż tal-kumpaniji b'attenzjoni strateġika fuq l-akkwist

ta' kumpaniji Ewropej li jiżviluppaw teknoloġiji jew imantnu infrastrutturi li huma essenzjali biex jitwettqu funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà u l-ekonomija. Ir-riskju aħħari huwa li tali investiment jista' jkun ta' detriment għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. It-taħlita ta' dawn l-iżviluppi wasslet għat-tħassib taċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej u l-Istati Membri. Dan it-tħassib jeħtieġ analiżi bir-reqqa u azzjoni xierqa, kif imħabbar fid-dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar L-Isfruttar tal-Globalizzazzjoni, maħruġ fl-10 ta' Mejju 2017.

Minħabba r-realtà ekonomika li qed tinbidel b'mod mgħaġġel u t-tħassib dejjem jikber taċ-ċittadini u l-Istati Membri, il-proposta hija eċċezzjonalment ippreżentata mingħajr valutazzjoni tal-impatt ta' akkumpanjament. Il-proposta timmira speċifikament lejn il-kwistjonijiet ewlenin identifikati f'dan l-istadju b'mod proporzjonat. Elementi oħra se jiġu vvalutati b'mod ulterjuri fl-istudju mħabbar fil-Komunikazzjoni li takkumpanja dan ir-Regolament. Sadanittant, il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jipprovdi deskrizzjoni tal-fatti tal-akkwiżizzjonijiet barranin fl-UE abbażi tad-data disponibbli, kif ukoll analiżi fil-qosor tal-kwistjoni kkonċernata.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tħabbar analiżi fil-fond tal-flussi ta' investiment fl-UE, b'mod partikolari dawk f'setturi strateġiċi jew assi li jistgħu iqajmu tħassib dwar is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-analiżi se tinkludi l-ġbir tad-dejta, analiżi tax-xejriet, u valutazzjoni tal-impatt, inkluż permezz ta' studji ta' każijiet. Ir-riżultati tagħha se jintużaw fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament propost jintroduċi l-mezzi għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni biex jitolbu informazzjoni sabiex jiskrinjaw l-investiment dirett barrani li jqajjem tħassib dwar is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-obbligi ta' informazzjoni huma mfassla sabiex inaqqsu l-piż fuq l-Istati Membri, l-investituri u l-kumpaniji tal-UE, pereżempju billi ma jkunux obbligati li jipprovdu ċerta informazzjoni minn qabel, iżda biss fuq talba. Kull meta r-Regolament propost jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri biex jagħtu l-kummenti tagħhom, jew lill-Kummissjoni biex toħroġ opinjoni, hemm skadenzi stretti ħafna biex jiġi minimizzat il-piż għall-Istati Membri li jħaddmu mekkaniżmi ta' skrinjar, u fl-aħħar nett għall-investituri li huma soġġetti għall-iskrinjar.

- **Drittijiet fundamentali**

Dan ir-Regolament propost mhux se jaffettwa l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja oħra ħlief spejjeż amministrattivi (ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni se jsir b'kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament propost b'mod effettiv u konsistenti. Għal dan il-għan, il-proposta tobbliga lill-Istati Membri sabiex

jistabbilixxu Punti ta' Kuntatt, u l-Komunikazzjoni li takkumpanjaha ssemmi t-twaqqif ta' Grupp ta' Kordinazzjoni li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Istati Membri, li jiltaqgħu regolarment sabiex jikkunsidraw, *inter alia*, kull kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu sabiex tevalwa x'inhuma realment l-impatti tiegħu u tivvalutata l-effiċjenza u l-effettività tiegħu u sa fejn ir-riżultati huma konsistenti mal-objettivi. Il-Kummissjoni se tikkomunika r-riżultati ta' din il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettal tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet (l-Artikoli 1 u 2)

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi qafas komprensiv għall-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin fi ħdan l-Unjoni. L-Artikolu 1 jikkonferma li l-investiment dirett barrani jista' jiġi skrinjat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku. Ir-raġunijiet għall-iskrinjar tal-investiment huma definiti f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku stipulati fil-Ftehim tad-WTO (inkluż b'mod partikolari l-Artikolu XIV (a) u l-Artikolu XIV c (iii) tal-GATS), u fi ftehimiet oħra kummerċjali jew ta' investiment jew f'arranġamenti li l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha huma partijiet fihom.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 2 jistipula numru ta' definizzjonijiet applikabbli. B'mod partikolari jikkjarifika li l-investiment dirett barrani jkopri firxa wiesgħa ta' investimenti li jistabbilixxu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi u intrapriżi li jwettqu attività ekonomika fl-Istati Membri. L-Artikolu 2 ma jkoprix investimenti tal-portafoll.

Qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar tal-investiment (l-Artikoli 3 u 4)

Diversi Stati Membri għandhom mekkaniżmi nazzjonali fis-seħħ, fejn il-movimenti tal-kapital, *inter alia*, bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew politika pubblika, jistgħu jiġu mrażżna. Fl-istess ħin, l-investiment dirett barrani jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni, u skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni. Sabiex jagħti ċertezza legali, l-Artikolu 3(1) jikkonferma li l-Istati Membri jistgħu jkomplu jżommu fis-seħħ u jemendaw miżuri eżistenti jew jadottaw miżuri ġodda sabiex jiskrinjaw l-investiment għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, tenut kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom u skont ir-Regolament propost.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tiskrinja investiment dirett barrani li x'aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku, li huma stipulati fl-Artikolu 3(2). Il-proġetti u programmi ta' interess tal-Unjoni jservu fl-Unjoni kollha u jirrappreżentaw kontribuzzjoni importanti għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-kompetittività għall-ekonomija u l-industrija tal-Unjoni. Il-proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jistgħu jew jinvolvu

finanzjament sostanzjali mill-UE, jew ikunu stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar infrastruttura, teknoloġija jew kontributi kritiċi. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, ġiet inkluża lista indikattiva ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni fl-Anness 1.

Sabiex jiggwida lill-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament, l-Artikolu 4 jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' fatturi li jistgħu jiġu kkunsidrati matul l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku. Din il-lista ta' fatturi biħsiebha wkoll tipprovdi ċarezza lill-investituri li qed jikkunsidraw jinvestu jew li diġà għamlu investimenti diretti barranin fl-Unjoni. Fid-determinazzjoni ta' jekk investiment dirett barrani jaffettwax is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw il-fatturi rilevanti kollha, inkluż l-effetti fuq l-infrastruttura kritika u t-teknoloġiji, inkluż teknoloġiji abilitanti essenzjali, u l-inputs li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu jistgħu jikkunsidraw jekk investitur barrani huwiex ikkontrollat b'mod dirett jew indirett mill-gvern ta' pajjiż terz, anke permezz ta' finanzjament sinifikanti.

Kontra ċ-ċirkomvenzjoni (l-Artikolu 5)

Sabiex jiżguraw l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu, jemendaw jew jadottaw miżuri neċessarji biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-iskrinjar, f'konformità mal-liġi tal-UE, tal-investimenti diretti mwettqa minn intrapriża ffurmata skont il-liġi ta' Stat Membru u li hija l-propjetà ta' investitur barrani jew ikkontrollata minnu, meta l-investiment isir permezz ta' arranġamenti artifiċjali fi ħdan l-UE li ma jirriflettux realtà ekonomika u li jevitaw il-mekkaniżmi ta' skrinjar. Madankollu dawn ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet fundamentali stabbiliti fit-TFUE.

Il-qafas proċedurali għall-iskrinjar tal-Istati Membri (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-qafas proċedurali għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani minn Stati Membri. Dan il-qafas proċedurali se jippermetti lill-investituri, lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra biex jifhmu aħjar kif l-investimenti x'aktarx li jiġu skrinjati u biex ikun żgurat li dawn l-investimenti jiġu skrinjati b'mod trasparenti u li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn pajjiżi terzi differenti. Dawk l-elementi jinkludu b'mod partikolari t-twaqqif ta' limiti ta' żmien għall-iskrinjar, li jridu jikkunsidraw il-limiti ta' żmien ta' skrinjar fuq livell tal-UE. Il-qafas proċedurali għall-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri għandu jistabblixxi wkoll possibbiltà għall-investituri biex jitolbu rimedju ġudizzjarju minħabba deċiżjonijiet ta' skrinjar.

Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni (l-Artikolu 8)

Ir-Regolament jipprevedi mekkaniżmu li jippermetti li l-Istati Membri jikkooperaw u jgħinu lil xulxin meta l-investiment dirett barrani x'aktarx li jkun jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom. L-Istati Membri potenzjalment affettwati għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħtu l-kummenti tagħhom lill-Istati Membri li fihom huwa ppjanat jew sar investiment, irrispettivament mill-fatt jekk l-Istati Membri kkonċernati għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar jew hux qegħdin iwettqu skrinjar tal-investiment. Din il-kooperazzjoni għandha tippermetti lill-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni u jikkoordinaw, fejn possibbli, ir-rispons tagħhom, jekk ikun il-każ, għall-investiment dirett barrani.

L-Istati Membri li jwettqu skrinjar ta' investiment dirett barrani għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra dwar l-iskrinjar li jkun għaddej. Dan għandu jippermetti lil dawk l-Istati Membri biex jirċievu kummenti minn Stati Membri oħra fi stadju bikri u biex jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, dan jippermetti lil Stati Membri oħra biex jikkunsidraw jekk investiment dirett barrani relatat li jkun ippjanat ukoll jew li jkun diġà seħħ fuq it-territorju tagħhom jagħtix lok għal skrinjar bil-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom stess.

L-Istat Membru li jkun qed iwettaq l-iskrinjar għandu jħalli lill-Istati Membri l-oħra jipprovdu kummenti fi żmien raġonevoli ta' 25 jum ta' xogħol. L-Istati Membri li jkunu qegħdin iwettqu skrinjar għandhom jippermettu żmien suffiċjenti fil-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom għall-kummenti tal-Istati Membri l-oħra biex jingħataw attenzjoni xierqa, iżda għandhom iżommu s-setgħa ta' teħid tad-deċiżjoni finali dwar l-investiment dirett barrani dirett soġġett għall-iskrinjar.

Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata wkoll dwar l-investimenti diretti barranin li qegħdin jiġu skrinjati bil-mekkaniżmu tal-iskrinjar ta' Stat Membru għal raġunijiet ta' sigurtà jew ta' ordni pubbliku. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li tipprovdi kummenti (fil-forma ta' opinjoni) lill-Istat Membru fejn ikun għaddej l-iskrinjar jew fejn ikun ippjanat jew seħħ diġà l-investiment , fi żmien raġonevoli. Sabiex jittieħed kont tal-kummenti magħmula mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandu jkollha perjodu addizzjonali ta' 25 jum tax-xogħol biex tiddeċiedi jekk għandiex toħroġ tali opinjoni lill-Istati Membri fejn ikun ippjanat jew seħħ diġà l-investiment.

L-Istati Membri affettwati jistgħu jipprovdu kummenti u l-Kummissjoni tista' tindirizza kummenti lil Stat Membru fejn ikun ippjanat jew seħħ diġà l-investiment dirett barrani, anke jekk l-Istat Membru ma jkollux mekkaniżmu ta' skrinjar jew ma jwettaqx skrinjar ta' dak l-investiment. F'każ bħal dan, dak l-Istat Membru jista' jikkunsidra dawn il-kummenti u opinjoni fit-tfassil tal-politika usa' tiegħu.

Skrinjar tal-Kummissjoni fir-rigward tal-proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni (l-Artikoli 3 u 9)

Ir-Regolament propost jintroduċi, fl-Artikolu 3(2) l-possibbiltà li l-Kummissjoni tiskrinja l-investiment dirett barrani li x'aktarx ikollu effett fuq proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà u l-ordni pubbliku. Anness mar-Regolament propost jipprovdi lista illustrattiva ta' tali proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata t-trasparenza neċessarja għall-investituri u għall-Istati Membri.

F'dawk l-oqsma speċifiċi, il-Kummissjoni tista' tindirizza opinjoni lill-Istati Membri li fihom ikun ippjanat jew komplut l-investiment meta tqis li l-investiment aktarx jhedded is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Ir-raġunijiet ta' skrinjar għandhom dejjem ikunu s-sigurtà u l-ordni pubbliku u jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tqis għadd ta' fatturi, inkluż dawk enumerati fl-Artikolu 4. Fl-iskrinjar tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni speċifika fil-livell tal-UE[24].

[24] Ara, pereżempju, id-Direttiva 2008/114 dwar l-identifikazzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea, id-Direttiva 2009/73 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u d-Direttiva 2009/72 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, ir-Regolament 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju, id-Direttiva 2016/1148 dwar is-sigurtà tal-infrastruttura tan-netwerks, Regolament ġdid dwar is-salvagwardji għas-sigurtà tal-provvistà tal-gass, li jħassar ir-Regolament 994/2010.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom iqisu bis-sħiħ l-opinjoni tal-Kummissjoni u jagħtu spjegazzjoni lill-Kummissjoni f'każ li l-opinjoni tagħha ma tiġix segwita. Dawk l-Istati Membri li tiġi indirizzata opinjoni lilhom u li jkunu qed iwettqu skrinjar tal-investiment dirett barrani skont il-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom għandhom jintegraw l-opinjoni tal-Kummisjoni fil-proċess ta' skrinjar tagħhom. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri li tiġi indirizzata opinjoni lilhom u li ma jkunux qed iwettqu skrinjar iqisu mezzi li jiħduha inkunsiderazzjoni kemm jekk permezz tal-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom jew, fin-nuqqas ta' dan il-mekkaniżmu ta' skrinjar, fit-tfassil usa' tal-politika.

Rekwiżiti ta' notifika u ta' informazzjoni (l-Artikoli 7 u 10)

L-Artikolu 7 jeħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom kif ukoll kwalunkwe emenda għal dawn il-mekkaniżmi f'ċertu perjodu ta' żmien. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar, li għandhom jinkludu bħala minimu: informazzjoni dwar investimenti soġġetti għal skrinjar, inkluż l-indikazzjoni tas-settur, tal-oriġini u tal-valur tal-investiment soġġett għal skrinjar, kif ukoll informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' skrinjar li jipprojbixxu investiment jew li jissoġġettaw dan l-investiment għal kundizzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri li ma jżommux mekkaniżmu ta' skrinjar jirrapportaw ukoll biex ikopru l-investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn u l-iskrinjar ta' investiment dirett barrani mill-Kummissjoni, l-Artikolu 10 jistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri kollha, irrispettivament minn jekk għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar, biex jiżguraw livell minimu ta' informazzjoni fuq investimenti diretti barranin li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Jenħtieġ li dan il-livell ta' informazzjoni fuq investiment dirett barrani jsir disponibbli minn Stat Membru fuq talba ta' Stat Membru ieħor, jew il-Kummissjoni. L-informazzjoni rilevanti tinkludi aspetti bħall-istruttura tas-sjieda tal-investitur barrani, u l-finanzjament tal-investiment ippjanat jew komplut, inkluż, meta disponibbli, informazzjoni dwar sussidji mogħtija minn pajjiżi terzi.

Kunfidenzjalità (l-Artikolu 11)

L-Artikolu 11 jiżgura li l-informazzjoni miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament tintuża biss għall-iskop li għalih tkun mitluba, u li kull informazzjoni kunfidenzjali tiġi protetta.

Punti ta' Kuntatt (l-Artikolu 12)

Sabiex jiżgura implimentazzjoni bla xkiel u effiċjenti tar-Regolament, u b'mod partikulari sabiex isaħħaħ il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-Artikolu 12 jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt fl-amministrazzjonijiet tagħhom għall-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin li jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

Barra minn hekk, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni se tistabbilixxi grupp ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-iskrinjar ta' investiment dirett barrani li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Grupp jiltaqa' regolarment biex iqis kwistjonijiet relatati mal-investiment dirett barrani fl-UE, inklużi dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-Regolament. Dan il-grupp jista' jipprovdi forum biex tiġi skambjata informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar, fost affarijiet

oħra, il-flussi u x-xejriet tal-investiment dirett barrani, kif ukoll l-aħjar prattiki għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin.

2017/0224 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-investiment dirett barrani jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-Unjoni, billi jtejjeb il-kompetittività tiegħu, joħloq l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, iġib il-kapital, it-teknoloġiji, l-innovazzjoni, il-kompetenzi, u billi jiftaħ swieq ġodda għall-esportazzjonijiet tal-Unjoni. Jappoġġa l-objettivi tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni u jikkontribwixxi għal proġetti u programmi oħra tal-Unjoni.

(2) L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ambjent ta' investiment miftuħ, li huwa minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u inkorporat fl-impenji internazzjonali meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-investiment dirett barrani.

(3) Skont l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, l-Unjoni u Stati Membri jistgħu jadottaw miżuri restrittivi relatati ma' investiment dirett barrani fuq il-bażi ta' sigurtà jew ordni pubbliku, soġġett għal ċerti rekwiżiti.

(4) Diversi Stati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri li permezz tagħhom jistgħu jirrestringu l-moviment ta' kapital bejn l-Istati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Dawn il-miżuri jirriflettu l-objettivi u t-tħassib tal-Istati Membri fir-rigward tal-investiment dirett barrani, u jirriżultaw f'għadd ta' miżuri differenti f'termini ta' ambitu u proċedura. Stati Membri oħrajn ma għandhomx dawn il-mekkaniżmi.

(5) Attwalment ma hemm l-ebda qafas komprensiv fil-livell tal-UE għall-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.

(6) L-investiment dirett barrani jaqa' fi ħdan il-politika kummerċjali komuni. Skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni.

(7) Huwa importanti li tingħata ċertezza tad-dritt u li tiġi żgurata koordinazzjoni u kooperazzjoni madwar l-UE billi jiġi stabbilit qafas għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Dan huwa

mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà unika tal-Istati Membri għall-manteniment tas-sigurtà nazzjonali.

(8) Jenħtieġ li l-qafas għall-iskrinjar ta' investiment dirett barrani jipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bil-mezzi biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku b'mod komprensiv, u biex jadattaw għal tibdil fiċ-ċirkustanzi, filwaqt li jżommu l-flessibbiltà meħtieġa biex l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku filwaqt li jqisu s-sitwazzjonijiet individwali u ċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom.

(9) Jenħtieġ li tiġi koperta firxa wiesgħa ta' strumenti li jistabbilixxu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investituri minn pajjiżi terzi u mpenji li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru.

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet biex jitħarsu s-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Jenħtieġ li dan ikopri investimenti fl-Unjoni permezz ta' arranġamenti artifiċjali li ma jirriflettux ir-realtà ekonomika u jevitaw il-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet ta' skrinjar, meta l-investitur fl-aħħar mill-aħħar ikollu s-sjieda jew ikun ikkontrollat minn persuni fiżiċi jew impriża ta' pajjiż terz. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-ħelsien tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital minqux fit-TFUE.

(11) Sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu ggwidati fl-applikazzjoni tar-Regolament, huwa xieraq li tingħata lista ta' fatturi li jistgħu jitqiesu meta jiġi skrinjat investiment dirett barrani għal raġunijiet ta' sigurta jew ordni pubbliku. Din il-lista ttejjeb ukoll it-trasparenza tal-proċess tal-iskrinjar għall-investituri li jqisu jew li jkunu għamlu investimenti diretti barranin fl-Unjoni. Jenħtieġ li din il-lista ta' fatturi li tista' taffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tibqa' mhux eżawrjenti.

(12) Biex jiddeterminaw jekk investiment dirett barrani jistax jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jqisu l-fatturi rilevanti kollha, inklużi l-effetti dwar l-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji, inklużi t-teknoloġiji abilitanti essenzjali, u kontributi li huma essenzjali għas-sigurtà jew il-manteniment ta' ordni pubbliku, u t-tfixkil, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fi Stat Membru jew fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jqisu wkoll jekk investitur barrani jkunx ikkontrollat direttament jew indirettament (pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, inklużi sussidji) mill-gvern ta' pajjiż terz.

(13) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-elementi essenzjali tal-qafas proċedurali għall-iskrinjar tal-investiment dirett barrani mill-Istati Membri biex l-investituri, il-Kummissjoni u Stati Membri oħra jkunu jistgħu jifhmu kif dawn l-investimenti aktarx jiġu skrinjati u biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jiġu skrinjati b'mod trasparenti u li jkunu nondiskriminatorji minn pajjiż terz għal ieħor. Jenħtieġ li tal-inqas dawn l-elementi jinkludu l-istabbiliment ta' perjodi ta' żmien għall-iskrinjar u l-possibbiltà li l-investituri barranin jfittxu rimedju ġudizzjarju għal deċiżjonijiet ta' skrinjar.

(14) Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li jippermetti li Stati Membri jikkooperaw u jassistu lil xulxin meta investiment dirett barrani fi Stat Membru jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stati Membri oħra. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu kummenti lil Stat Membru li fih l-investiment ikun ippjanat jew ikun komplut, irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jipprovdux kummenti jew l-Istati Membri li fihom l-investiment ikun ippjanat jew ikun komplut iżommux mekkaniżmu

ta’ skrinjar jew jiskrinjawx l-investiment. Jenħtieġ li l-kummenti tal-Istati Membri jaslu wkoll għand il-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll il-possibbiltà, meta xieraq, li tagħti opinjoni lill-Istat Membru li fih ikun ippjanat jew ikun komplut l-investiment, irrispettivament minn jekk dan l-Istat Membru jżommx mekkaniżmu ta’ skrinjar jew jiskrinjax l-investiment u irrispettivament minn jekk Stati Membri oħrajn jipprovdux kummenti.

(15) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiskrinja l-investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw il-proġetti u l-programmi ta’ interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku. Dan iservi ta’ għodda biex il-Kummissjoni tipproteġi l-proġetti u l-programmi li jservu l-Unjoni kollha kemm hi u jirrappreżentaw kontribut importanti għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi u għall-kompetittività. Jenħtieġ li dan jinkludi b’mod partikulari proġetti u programmi li jinvolvu finanzjament sostanzjali mill-UE jew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew kontributi kritiċi. Għal aktar ċarezza, jenħtieġ li tiġi elenkata f’Anness lista indikattiva ta’ proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni li fir-rigward tagħhom investiment dirett barrani jista’ jiġi soġġett għal skrinjar mill-Kummissjoni.

(16) Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tindirizza opinjoni lill-Istati Membri li fihom dan l-investiment ikun ippjanat jew komplut f’perjodu ta’ żmien raġonevoli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu bis-sħiħ l-opinjoni u jagħtu spjegazzjoni lill-Kummissjoni jekk ma jsegwux din l-opinjoni, f’konformità mal-obbligu tagħhom ta’ kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) TUE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha wkoll il-possibbiltà li titlob mingħand dawn l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa għall-iskrinjar tagħha ta’ dan l-invstiment.

(17) Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni ma’ Stati Membri oħrajn u l-iskrinjar ta’ investiment dirett barrani mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw il-mekkaniżmi ta’ skrinjar tagħhom u kull emenda għalihom lill-Kummissjoni, u jenħtieġ li jirrappurtaw dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta’ skrinjar fuq bażi regolari. Għall-istess raġuni, jenħtiep li l-Istati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta’ skrinjar jirrapportaw ukoll fuq l-investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

(18) Għal dan il-għan, huwa importanti wkoll li jiġi żgurat livell minimu ta’ informazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward ta’ investimenti diretti barranin li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li din l-informazzjoni ssir disponibbli mill-Istati Membri li fihom l-investiment dirett barrani jkun ippjanat jew ikun ġie komplut fuq talba tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni. L-informazzjoni rilevanti tinkludi aspetti bħall-istruttura tas-sjieda tal-investitur barrani u l-finanzjament tal-investiment ippjanat jew komplut, inkluża, meta disponibbli, informazzjoni dwar sussidji mogħtija minn pajjiżi terzi.

(19) Jenħtieġ li l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-Istat Membru u tal-Unjoni jittejbu permezz tal-istabbiliment tal-punti ta’ kuntatt għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin f’kull Stat Membru.

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw il-ħarsien ta’ informazzjoni kunfidenzjali u informazzjoni sensittiva oħra.

(21) Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta r-rapport jipproponi li jimmodifika d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dan jista' jiġi akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

(22) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Unjoni u mill-Istati Membri tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi bbażati fuq raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku stipulati fid-dritt tal-UE, fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE), fil-Ftehim tad-WTO (inkluż b'mod partikulari l-Artikolu XIV(a) u l-Artikolu XIV *bis* tal-GATS) u fi ftehimiet jew arranġamenti oħrajn ta' kummerċ jew ta' investiment li l-Unjoni jew l-Istati Membri huma partijiet għalihom.

(23) Meta investiment dirett barrani jikkostitwixxi konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[25], jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Jenħtieġ li dan ir-Regolament u l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu applikati b'mod konsistenti. Sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv taż-żewġ regolamenti jikkoinċidi, jenħtieġ li r-raġunijiet għall-iskrinjar stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u l-kunċett ta' interessi leġittimi fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 jiġu interpretati b'mod koerenti, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu dawn l-interessi bil-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

(24) Dan ir-Regolament huwa konsistenti ma' notifiki u proċeduri ta' skrinjar stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni settorjali, u mingħajr preġudizzju għalihom,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni ta' investimenti diretti baranin fl-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "investiment dirett barrani" tfisser investimenti ta' kull tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jistabbilixxi jew li jżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u l-imprenditur jew l-impriża li l-kapital ikun qed isir disponibbli għalihom sabiex iwettqu attività ekonomika fi Stat Membru, inklużi investimenti li jippermettu parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' kumpanija li twettaq attività ekonomika.

[25] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

2. “investitur barrani” tfisser persuna fiżika ta’ pajjiż terz jew impriża ta’ pajjiż terz li beħsiebha tagħmel jew li għamlet investiment dirett barrani;

3. “skrinjar” tfisser proċedura li tippermetti li tivvaluta, tinvestiga, tawtorizza, tikkundizzjona, tipprojbixxi jew ixxolji investimenti diretti barranin;

4. “mekkaniżmu ta’ skrinjar” tfisser strument ta’ applikazzjoni ġenerali, bħal liġi jew regolament, u rekwiżiti amministrattivi li jakkumpanjawh, regoli ta’ implimentazzjoni jew linji gwida, stabbiliment tat-termini, kundizzjonijiet u proċeduri għall-iskrinjar ta’ investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku;

5. “deċiżjoni ta’ skrinjar” tfisser miżura adottata għall-applikazzjoni ta’ mekkaniżmu ta’ skrinjar;

6. “impriża ta’ pajjiż terz” tfisser impriża kostitwita jew organizzata b’mod ieħor skont il-liġijiet ta’ pajjiż terz.

Artikolu 3

Skrinjar ta’ investimenti diretti barranin

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu, jemendaw jew jadottaw mekkaniżmi biex jiskrinjaw investimenti diretti barranin għal raġunijiet ta’ sigurta jew ordni pubbliku, taħt il-kundizzjonijiet u skont it-termini stabbili f’dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tista’ tiskrinja investimenti diretti barranin li aktarx jaffettwaw proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta’ sigurta jew ordni pubbliku.

3. Proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni għandhom jinkludu b’mod partikulari dawk il-proġetti u programmi li jinvolvu ammont sostanzjali jew sehem sinifikanti mill-finanzjament tal-UE, jew li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rigward l-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji kritiċi jew il-kontributi kritiċi. Lista indikattiva ta’ proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni hija inkluża fl-Anness 1.

Artikolu 4

Fatturi li jistgħu jitqiesu fl-iskrinjar

Fl-iskrinjar ta’ investiment dirett barrani għal raġunijiet ta’ sigurtà jew ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni tista’ tqis l-effetti potenzjali fuq, fost affarijiet oħra:

– l-infrastruttura kritika, inklużi l-enerġija, it-trasport, il-komunikazzjoni, il-ħżin tad-dejta, l-infrastruttura tal-ispazju jew finanzjarja, kif ukoll il-faċilitajiet sensittivi;

– it-teknoloġiji kritiċi, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, is-semikondutturi, it-teknoloġiji b’applikazzjoni b’użu doppju potenzjali, iċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija tal-ispazju jew nukleari;

– is-sigurtà tal-provvista tal-kontributi kritiċi; jew

– l-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew il-kapaċità li tiġi kontrollata informazzjoni sensittiva.

Fid-determinazzjoni ta' jekk investiment dirett barrani aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jqisu jekk l-investitur barrani huwiex ikkontrollat mill-gvern ta' pajjiż terz, inkluż permezz ta' finanzjament sinifikanti.

Artikolu 5

Antiċirkomvenzjoni

L-Istati Membri jistgħu jżommu, jemendaw jew jadottaw miżuri meħtieġa biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar u d-deċiżjonijiet ta' skrinjar.

Artikolu 6

Qafas għall-iskrinjar tal-Istati Membri

1. Il-mekkaniżmi tal-iskrinjar tal-Istati Membri għandhom ikunu trasparenti u mingħajr diskriminazzjoni bejn il-pajjiżi terzi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-iskrinjar, il-bażi għall-iskrinjar u r-regoli proċedurali dettaljati applikabbli.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu perjodu taż-żmien għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet tal-iskrinjar. Dawn il-limiti taż-żmien għandhom jippermettulhom iqisu l-kummenti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 8 u l-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikoli 8 u 9.
3. Informazzjoni kunfidenzjali, inkluża informazzjoni sensittiva kummerċjalment, magħmulha disponibbli minn investituri u impriżi barranin ikkonċernati għandha tkun protetta.
4. Investituri u impriżi barranin ikkonċernati għandu jkollhom l-possibbiltà li jfittxu rimedju ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-iskrinjar tal-awtoritajiet nazzjonali.

Artikolu 7

Notifika mill-Istati Membri ta' mekkaniżmi ta' skrinjar u rappurtar annwali

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-mekkaniżmi ta' skrinjar eżistenti tagħhom sa mhux iktar tard minn [...] (*30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*). L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull emenda għal mekkaniżmu ta' skrinjar eżistenti jew mekkaniżmu ta' skrinjar adottat riċentement sa mhux iktar tard minn 30 jum mid-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu ta' skrinjar.
2. L-Istati Membri li jiksbu l-mekkaniżmi ta' skrinjar għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom. Għal kull perjodu ta' rappurtar, ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar:
   (a) investimenti diretti barranin skrinjati u li għaddejjin minn skrinjar;
   (b) deċiżjonijiet ta' skrinjar li jipprojbixxu investimenti diretti barranin;
   (c) deċiżjonijiet ta' skrinjar li jissottoponu l-investimenti diretti barranin għal kundizzjonijiet jew miżuri ta' mitigazzjoni;
   (d) is-setturi, l-oriġini, u l-valur tal-investiment dirett barrani skrinjat u li għaddej minn skrinjar.

3. L-Istati Membri li ma jżommux mekkaniżmi ta' skrinjar għandhom jipprovdu l-Kummissjoni b'rapport annwali li jkopri investimenti diretti barranin li seħħew fit-territorju tagħhom, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Artikolu 8

Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull investiment dirett barrani li jinsab għaddej minn skrinjar fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mill-bidu tal-iskrinjar. Bħala parti mill-informazzjoni, u meta applikabbli, l-Istati Membri li jiskrinjaw għandhom jaħdmu biex jindikaw jekk iqisux li l-investiment dirett barrani li għaddej minn skrinjar x'aktarx li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 139/2004.

2. Meta Stat Membru jqis li investiment dirett barrani ppjanat jew lest fi Stat Membru ieħor x'aktarx li jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubblika tiegħu, huwa jista' jipprovdi kummenti lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta. Il-kummenti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni wkoll.

3. Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubblika fi Stat Membru wieħed jew iktar, hija tista' toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni irrispettivament jekk l-Istati Membri l-oħra pprovdewx kummenti.

4. Il-Kummissjoni jew Stat Membru li debitament iqisu li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubblika tagħhom jistgħu jitolbu mill-Istat Membru fejn huwa ppjanat jew tlesta l-investiment dirett barrani, kull informazzjoni meħtieġa biex jipprovdu kummenti msemmija fil-paragrafu 2, jew biex joħorġu l-opinjoni msemmija fil-paragrafu 3.

5. Il-kummenti skont il-paragrafu 2 jew opinjonijiet skont il-paragrafu 3 għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u f'kull każ mhux iktar tard minn 25 jum ta' xogħol wara r-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 jew 4. F'każijiet fejn l-opinjoni tal-Kummissjoni tiġi wara kummenti minn Stati Membri oħra, il-Kummissjoni għandu jkollha 25 jum ta' xogħol oħra għall-ħruġ tal-opinjoni.

6. L-Istati Membri fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta għandhom debitament iqisu l-kummenti tal-Istati Membri l-oħra msemmija fil-paragrafu 2 u l-opinjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3.

7. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri skont dan l-Artikolu għandha ssir permezz tal-punti ta' kuntatt msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 9

Qafas għall-iskrinjar tal-Kummissjoni

1. Meta l-Kummissjoni tqis li investiment dirett barrani x'aktarx jaffettwa proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni abbażi ta' sigurtà jew ordni pubblika, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni indirizzata lill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob mill-Istat Membru fejn l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta kull informazzjoni meħtieġa biex toħroġ opinjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-opinjoni tagħha lill-Istat Membru kkonċernat f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u f'kull każ mhux iktar minn 25 jum ta' xogħol wara r-riċevuta tal-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2. Meta Stat Membru jkollu mekkaniżmu ta' skrinjar fis-seħħ kif imsemmi fl-Artikoli 3(1) u l-informazzjoni dwar l-investiment dirett barrani li għaddejja minn skrinjar ġiet riċevuta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(1), l-opinjoni għandha titwassal mhux iktar tard minn 25 jum ta' xogħol wara r-riċevuta ta' din l-informazzjoni. Meta tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali biex tinħareġ opinjoni, il-perjodu ta' 25 jum għandu jibda mid-data tar-riċevuta tal-informazzjoni addizzjonali.

4. L-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi komunikata lill-Istati Membri l-oħra.

5. L-Istati Membri fejn huwa ppjanat jew tlesta l-investiment dirett barrani għandhom iqisu bl-akbar reqqa l-opinjoni tal-Kummissjoni u jipprovdu spjegazzjoni lill-Kummissjoni fil-każ li l-opinjoni tagħha mhijiex segwita.

Artikolu 10

Rekwiżiti ta' informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra skont l-Artikoli 8(4) u 9(2) tkun disponibbli lill-Kummissjoni u l-Istati Membri li talbuha mingħajr dewmien mhux dovut.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi b'mod partikolari:

   (e) L-istruttura tas-sjieda tal-investitur barrani u tal-impriża li fiha l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta, inkluża informazzjoni dwar l-azzjonist jew azzjonisti aħħari/ija kontrollanti;

   (f) Il-valur tal-investiment dirett barrani;

   (g) Il-prodotti, servizzi u operazzjonijiet tan-negozju tal-investitur barrani u tal-impriża li fiha l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta;

   (h) L-Istati Membri fejn l-investitur barrani u l-impriża li fiha l-investiment dirett barrani huwa ppjanat jew tlesta jwettqu operazzjonijiet tan-negozju;

   (i) Il-finanzjament tal-investiment, abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-Istat Membru.

Artikolu 11

Kunfidenzjalità

1. Informazzjoni akkwistata b'riżultat tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-iskop li għalih tkun ġiet mitluba.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Il-punti ta' kuntatt

Kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt ta' skrinjar tal-investiment dirett barrani ("punt ta' kuntatt ta' skrinjar IDB") għall-iskrinjar tal-investiment dirett barrani. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jinvolvu dawn il-punti ta' kuntatt ta' skrinjar IDB dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.
2. Meta r-rapport jirrakkomanda l-bidla tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, ir-rapport jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva xierqa.

Artikolu 14

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta /tal- inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta / tal-inizjattiva

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-analiżi tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

Politika kummerċjali komuni, Artikolu 207 TFUE

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

x Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota / azzjoni preparatorja**[26]

☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta / L-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva

Mhux applikabbli

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u Għan Speċifiku Nru []

L-għan(ijiet) speċifiku/ċi

Mhux applikabbli

Objettiv speċifiku Nru

Mhux applikabbli

[26] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat(i) mistennija u l-impatt

Speċifika l-effetti li jenħtieġ li jkollha l-proposta / l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta timmira li tappoġġa l-għanijiet ta' politika globali tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod notevoli fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja biex iżżomm il-valuri u l-interessi tagħha, u biex tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha, għall-paċi, is-sigurtà u l-kummerċ ħieles u ġust. Il-proposta hija f'konformità sħiħa mal-Komunikazzjoni tal-2015 "Kummerċ għal Kulħadd" biex jinħoloq reġim ibbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ u l-investiment. Ir-Regolament propost isegwi fuq il-karta ta' riflessjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2017 dwar "Sfruttar għaqli tal-globalizzazzjoni" li tenfasizza l-benefiċċji u l-isfidi tal-globalizzazzjoni. Il-karta enfasizzat l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea biex tibni ordni miftuħa, sostenibbli, ġusta, u bbażata fuq ir-regoli permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-prinċipji japplikaw b'mod sħiħ għall-investimenti diretti barranin (IDB) li jifformaw parti mill-politika kummerċjali komuni tal-UE, ara l-Artikolu 207(1) TFUE. L-IDB huwa sors importanti ta' tkabbir, impjiegi u innovazzjoni. Huwa ġab benefiċċji sinifikanti lill-UE kif ukoll għall-bqija tad-dinja. Għalhekk l-UE trid iżżomm ambjent ta' investiment miftuħ. Minkejja dan, il-karta ċċarat ukoll li l-UE ma żżommx lura milli taġixxi meta pajjiżi jew kumpaniji barranin jinvolvu ruħhom fi prattiki inġusti jew iqajjmu tħassib għas-sigurtà u l-ordni pubblika. Il-karta ta' riflessjoni rrikonoxxiet li kien hemm tħassib li qed jiżdied dwar akkwisti strateġiċi ta' assi Ewropej prinċipali minn investituri barranin. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas għall-Istati Membri u, f'ċerti każijiet, li l-Kummissjoni tiskrinja investimenti diretti barranin (IDB) fl-Unjoni.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost jipprovdi ċertezza tad-dritt gall-Istati Membri li għandhom fis-seħħ mekkaniżmu ta' skrinjar għall-IDB jew li jixtiequ jadottaw dan il-mekkaniżmu peress li l-Unjoni għandha kompetenza esklussiva biex taġixxi fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, inkluż l-IDB, skont l-Artikoli 3(1)(e) u 207 (1) TFUE.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Ir-Regolament propost jipprovdi għal rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament li għandu jiġi mħejji mill-Kummissjoni mhux iktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. F'każ li l-Kummissjoni tqis li r-Regolament ma jikkontribwixxix biżżejjed għall-għanijiet ta' politika stabbiliti, hija tista' takkumpanja r-rapport bi proposta biex jiġi modifikat ir-Regolament.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Sabiex jindirizzaw l-impatt potenzjali ta' teħid tal-kontroll transfruntier internazzjonali fuq is-sigurtà u l-ordni pubblika, 13-il Stat Membru bħalissa jużaw mekkaniżmi ta' skrinjar tal-IDB, u jirriżervaw is-setgħa li jirrestringu l-investimenti barranin li jippreżentaw riskju għall-interessi vitali tagħhom. L-Unjoni għandha kompetenza esklussiva li taġixxi f'qasam tal-politika kummerċjali komuni abbażi tal-Artikoli 3(1)(e) u 207 TFUE; L-IDB huwa parti integrali mill-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, huwa xieraq għall-Unjoni li tipprovdi qafas li fih l-Istati Membri jistgħu jżommu mekkaniżmu ta' skrinjar jew jadottaw dan il-mekkaniżmu.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost jimmira li jistabbilixxi qafas għall-Istati Membri u, fejn xieraq, għall-Kummissjoni, meta tiskrinja ċerti IDB fl-UE bil-ħsieb li tipproteġi s-sigurtà u l-ordni pubblika.

Ir-Regolament propost jistabbilixxi mekkaniżmu ta' kooperazzjoni sistematika bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-IDB permezz tal-punti ta' kuntatt.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effikaċja ikbar jew komplimentarjetajiet). Għall-fini ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Għadd ta' Stati Membri jżommu mekkaniżmi ta' skrinjar għall-IDB, filwaqt li oħrajn ma għandhomx mekkaniżmi ta' skrinjar. L-Unjoni għandha kompetenza esklussiva li taġixxi f'qasam tal-politika kummerċjali komuni abbażi tal-Artikoli 3(1)(e) u 207 TFUE; L-IDB huwa parti integrali mill-politika kummerċjali komuni. Għalhekk, huwa xieraq għall-Unjoni li tipprovdi qafas li fih l-Istati Membri jistgħu jżommu mekkaniżmu ta' skrinjar jew jadottaw dan il-mekkaniżmu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista toħroġ opinjoni konsultattiva lill-Istati Membri kkonċernati jekk hija tqis li IDB jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubblika fir-rigward ta' proġetti jew progammi tal-interess tal-Unjoni, bħal Galileo, Orizzont 2020, Ten-T jew Ten-E. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' toħroġ opinjoni konsultattiva f'każ li tqis li IDB fi Stat Membru jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubblika fi Stat Membru ieħor.

Valur miżjud tal-UE ġenerat mistenni (*ex post*)

Sa issa la hemm koordinazzjoni strutturata u lanqas kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjonijiet. Ir-Regolament propost u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjah jimmiraw li jistabbilixxu punti ta' kuntatt u jħabbru l-istabbiliment ta' grupp ta' kooperazzjoni għal koordinazzjoni mtejba u kooperazzjoni, skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki. Ir-Regolament propost jistabbilixxi obbligu ċar għall-Istati Membri biex jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin u mal-Kummissjoni permezz ta' netwerk ta' punti ta' kuntatt. Dan huwa mistenni li jwassal għal żidiet fil-koordinazzjoni fil-valutazzjoni tar-riskju relatat mas-sigurtà u l-ordni pubblika u jqajjem kuxjenza fl-Istati Membri kollha li jikkonċernaw dawk il-kwistjonijiet sensittivi mingħajr ma l-Istati Membri jiġu obbligati jistabbilixxu sistema ta' skrinjar IDB.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

Din hija inizjattiva ġdida, ma hemm l-ebda esperjenza preċedenti. Il-Kummissjoni se teħtieġ li tibni l-esperjenza rilevanti.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Ir-Regolament propost se jikkomplementa politiki u inizjattivi tal-Unjoni oħrajn, filwaqt li huwa konsistenti magħhom, u ma jaffettwahomx, u dawn jinkludu b'mod partikolari li ġej:

Il-moviment liberu tal-kapital u l-libertà tal-istabbiliment

L-investiment dirett barrani huwa moviment kapitali skont l-Artikolu 63 TFUE. L-Artikolu 63 TFUE jipprojbixxi kwalunkwe restrizzjoni għall-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Il-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-investiment jistgħu jirrappreżentaw restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital li, madankollu, jista' jkun ġustifikat fejn meħtieġ u proporzjonali għall-kisba tal-għanijiet definiti fit-Trattat, inkluż abbażi tas-sigurtà pubblika u l-politika pubblika (l-Artikolu 65 TFUE) jew għal raġunijiet prevalenti fl-interess ġenerali, kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Kif iċċarat fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, billi l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' rekwiżiti tal-politika pubblika u s-sigurtà pubblika fid-dawl tal-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom, dawk l-interessi pubbliċi ma jistgħux jiġu determinati unilateralment minn Stati Membri mingħajr kwalunkwe kontroll mill-istituzzjonijiet tal-UE u jridu jiġu interpretati strettament: wieħed jista' jibbaża fuqhom biss jekk ikun hemm theddid ġenwin u serju biżżejjed għall-interess fundamentali tas-soċjetà. Restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali ma jridux jiġu applikati ħażin biex iservu purament fini ekonomiċi. Barra minn hekk, mekkaniżmi ta' skrinjar ta' investiment jenħtieġu jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari l-prinċipji tal-proporzjonalità u ċ-ċertezza tad-dritt. Dawn il-prinċipji jenħtieġu li l-proċedura u l-kriterji għall-iskrinjar tal-investiment jiġu definiti b'mod nondiskriminatorju u preċiż biżżejjed. L-investituri potenzjali jridu jkunu jafu dawn il-mekkaniżmi minn qabel u jfittxu stħarriġ ġudizzjarju.

Ir-Regolament propost huwa konsistenti ma' dawn ir-rekwiżiti. Huwa jikkonferma li l-Istati Membri jistgħu jiskrinjaw investimenti diretti barranin abbażi tas-sigurtà jew l-ordni pubblika u jistabbilixxu rekwiżiti proċedurali għall-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istat Membru, bħat-trasparenza, in-nondiskrimnazzjoni bejn pajjiżi terzi differenti u stħarriġ ġudizzjarju

L-investiment dirett barrani jista' jwassal għall-istabbiliment ta' investitur ta' pajjiż terz fl-UE, pereż. meta investiment bħal dan jakkwista sehem ta' kontroll f'impriża bbażata fl-UE. L-Artikolu 49 TFUE jipprojbixxi restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Billi l-Artikolu 63 TFUE japplika wkoll għal movimenti kapitali minn pajjiżi terzi, l-Artikolu 49 TFUE ma japplikax għall-istabbiliment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE. B'hekk ir-Regolament propost ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-istabbiliment.

Ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet

L-investimenti diretti barranin jistgħu jkunu fil-forma ta' fużjonijiet, akkwisti jew impriżi konġunti li jikkostitwixxu konċentrazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet. Fir-rigward ta' dawn il-konċentrazzjonijiet, l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu interessi leġittimi u kompatibbli mal-prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni. Għal dan l-għan, l-Artikolu 21(4), it-tieni paragrafu, jirrikonoxxi espliċitament il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, il-pluralità tal-midja u r-regoli prudenzjali bħala interessi leġittimi. Deċizjonijiet ta' skrinjar meħuda skont ir-Regolament propost bex jipproteġu dawn l-interessi ma għandhomx għalfejn jiġu komunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet, sakemm ikunu kompatibbli mal-prinċipji ġenerali u dispożiizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni. Bħala kuntrast, meta Stat Membru jkollu l-ħsieb li jieħu

deċiżjoni ta' skrinjar skont ir-Regolament propost biex jipproteġi interessi pubbliċi oħra, huwa jkollu bżonn jikkomunika dan lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet jekk id-deċiżjoni tikkonċerna konċentrazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet. Il-Kummissjoni se tiżgura konsistenza fl-applikazzjoni tar-Regolament propost u tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet. Sa fejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-applikazzjoni taż-żewġ regolamenti jikkoinċidu, il-bażi għall-iskrinjar stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament propost u n-nozzjoni ta' interessi leġittimi skont it-tifsira tal-Artikolu 21(4), it-tielet paragrafu, tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet jenħtieġ li jiġu interpretati b'mod koerenti, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali mmirati li jipproteġu dawk l-interessi fil-prinċipji ġenerali u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni.

L-Enerġija

Matul is-snin, l-Unjoni adottat leġiżlazzjoni biex titjieb is-sigurtà tal-provvista fil-qasam tal-enerġija tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Id-Direttiva dwar l-Infrastruttura Kritika (id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE) teħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw l-Infrastruttura Kritika u jħejju pjanijiet ta' sigurtà. Id-Direttivi tal-Elettriku u tal-Gass tal-hekk imsejjaħ it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija (id-Direttiva 2009/72/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku; Id-Direttiva 2009/73/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali) fiha dispożizzjonijiet li jeħtieġu valutazzjoni tas-sigurtà tal-implikazzjonijiet tal-provvista għall-Istat Membru kkonċernat iżda wkoll għall-UE kollha kemm hi fejn is-sistema ta' trażmissjoni tal-gass jew l-elettriku ta' Stat Membru hija kkontrollata minn operatur minn pajjiż terz. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass jiffoka speċifikament fuq it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista u jirrekjedi li l-Istati Membri jwettqu Valutazzjonijiet tar-Riskju, fuq livell nazzjonali u reġjonali, li jivvalutaw ir-riskji kollha possibbli għas-sistema tal-gass, inklużi r-riskji marbuta mal-kontroll tal-infrastruttura relevanti għas-sigurtà tal-provvista minn entitajiet ta' pajjiżi terzi, u biex iħejju Pjanijiet ta' Azzjoni Preventiva u Pjanijiet ta' Emerġenza b'miżuri biex itaffu dawk ir-riskji. Bl-istess mod, il-proposta għal Tħejjija għar-Riskji fiha dispożizzjonijiet simili għas-settur tal-elettriku. Entitajiet tal-enerġija huma wkoll inklużi espressament fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (id-Direttiva 2016/1148 dwar is-sigurtà tan-netwerk tal-infrastruttura) bħala servizzi essenzjali.

Materja prima

Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dejjem jikber tal-iżgurar ta' materja prima ta' valur għall-ekonomija tal-Unjoni, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva Ewropea tal-Materja Prima fl-2008. Din hija strateġija integrata li tistabbilixxi miżuri mmirati biex jiġi żgurat u mtejjeb l-aċċess għall-materja prima għall-UE. Waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità tal-inizjattiva kienet li tiġi stabbilita lista ta' Materja Prima Kritika fil-livell tal-UE. Din il-lista fiha materja prima li tilħaq jew taqbeż il-limiti kemm għall-Importanza Ekonomika kif ukoll għar-Riskju tal-Provvista. Il-Kummissjoni stabbiliet l-ewwel lista fl-2011 u żammet mal-impenn li taġġornaha mill-inqas kull tliet snin biex tirrifletti l-iżviluppi fis-suq, fil-produzzjoni u fit-teknoloġija. It-tieni lista ġiet ippubblikata fl-2014 u lista ġdida hija ppubblikata b'mod parallel ma' dan ir-Regolament.

Il-lista ta’ Materja Prima Kritika għandha tgħin biex tagħti inċentiv għall-produzzjoni Ewropea ta’ Materja Prima Kritika u tiffaċilita t-tnedija tal-attivitajiet ġodda ta’ tħaffir fil-minjieri u riċiklaġġ. Fis-snin reċenti l-Kummissjoni ħadet kont tal-lista ta’ Materja Prima Kritika permezz ta’ firxa wiesgħa ta’ azzjonijiet fl-oqsma tal-kummerċ, ir-relazzjonijiet internazzjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-bażi tal-għarfien u l-ekonomija ċirkolari. L-UE tappoġġa l-inizjattivi politiċi komplimentari minn Stati Membri li huma wkoll involuti fit-tħejjija tal-lista tal-Materja Prima Kritika.

Iċ-ċibersigurtà u l-komunikazzjoni elettronika

Ir-Regolament propost se jkun kumplementari għall-politiki tal-UE fl-oqsma tal-komunikazzjoni elettronika, iċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni ta’ infrastruttura kritika, u l-kompetittività industrijali f’prodotti u servizzi ta’ ċibersigurtà. Il-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar Strateġija ta’ Ċibersigurtà għall-Unjoni Ewropea stabbiliet viżjoni għal ċibersigurtà miftuħa, mingħajr periklu u sikur. Dan kien segwit mir-Regolament Nru 283/2014, li jidentifika proġetti ta’ interess komuni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva 2016/1148 timponi obbligi ta’ stat ta’ tħejjija taċ-ċibersigurtà fuq-Istati Membri u tintroduċi r-rekwiżiti ta’ tħejjija u notifika għal operaturi ta’ servizzi essenzjali u għal fornituri ta’ servizzi diġitali. F’Lulju 2016, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija ta’ sħubija pubblika-privata dwar iċ-ċibersigurtà u ta’ miżuri addizzjonali ta’ politika orjentata lejn is-suq biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet industrijali fl-Ewropa. Il-fondi tal-UE minn Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jintużaw ukoll għall-finijiet imsemmija hawn fuq. F’Settembru 2017 il-Kummissjoni ppreżentat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi strateġija komprensiva tal-UE għaċ-ċibersigurtà, inkluż fil-livell dinji; Ippproponiet ukoll Regolament li jistabbilixxi qafas taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-UE għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u biex ikun iktar faċli għall-utenti biex ikunu jafu jekk prodotti u servizzi tal-ICT, inklużi oġġetti konnessi, humiex ċibersikuri.

Trasport bl-ajru

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għat-tħaddim ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità, billi mhuwiex mekkaniżmu tal-iskrinjar tal-investiment. Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jistipula li waħda mill-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ liċenzja operattiva lil impriża awtorizzata li ġġorr passiġġieri, posta u / jew merkanzija bl-ajru għal remunerazzjoni u / jew kiri li l-Istati Membri u / jew ċittadini ta’ Stati Membri jkollhom ikunu sidien ta’ iktar minn 50 % tal-impriża u effettivament jikkontrollawha (l-Artikolu 4).

Valutazzjoni prudenzjali ta’ akkwiżizzjonijiet fis-settur finanzjarju

Il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-settur finanzjarju tistipula li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jwettqu valutazzjoni prudenzjali ta’ akkwiżizzjonijiet u żidiet ta’ ishma f’istituzzjonijiet finanzjarji (jiġifieri istituzzjonijiet ta’ kreditu, kumpaniji ta’ investiment, u impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni). Din tistabilixxi rekwiżiti ta’ notifika, regoli proċedurali u kriterji ta’ evalwazzjoni għal dan it-tip ta’ valutazzjonijiet. L-għan ta’ dawn id-dispożizzjonijiet huwa li tiġi żgurata ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dawn ir-regoli huma stipulati fid-Direttiva 2007/44/KE dwar regoli proċedurali u kriterji ta’ evalwazzjoni għall-valutazzjoni prudenzjali ta’ akkwiżizzjonijiet u żieda fl-ishma fis-settur finanzjarju,

id-Direttiva 2013/36/UE dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kumpaniji ta' investiment, id-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Sovenza II) u d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji.

Ir-Regolament propost se jagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex iżommu jew idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmu biex l-investiment dirett barrani jiġi skrinjat għal raġunijiet ta' sigurtà u ordni pubbliku. Dan mhux se jaffettwa r-regoli tal-UE għal reviżjoni prudenzjali ta' akkwiżizzjonijiet ta' ishma kwalifikanti fis-settur finanzjarju, li se tibqa' proċedura distinta b'għan speċifiku.

Esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju

Ir-Regolament propost mhux se jaffettwa l-kontroll ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju rregolati mir-Regolament (KE) Nru 428/2009. Il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju huwa soġġett għal kontrolli ta' prevenzjoni tar-riskji li dawn l-oġġetti jistgħu jkollhom għas-sigurtà internazzjonali. Il-kontrolli ġejjin minn obbligi internazzjonali u huma f'konformità ma' impenji miftiehma f'reġimi multilaterali ta' kontroll ta' esportazzjoni. Ir-reġim ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE huwa rregolat mir-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju, li jistipula regoli ta' kontroll komuni, lista' komuni ta' oġġetti b'użu doppju kif ukoll il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni biex jappoġġja l-implimentazzjoni konsistenti u t-tisħiħ fl-Unjoni kollha. Ir-Regolament huwa vinkolanti u applikabbli direttament fl-UE kollha.

Politika Ewropea dwar l-Ispazju

Fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija dwar l-ispazju għall-Ewropa, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li tkun indirizzata l-vulnerabbiltà tal-katini tal-provvista Ewropej. L-istabbiliment ta' qafas għal skrinjar ta' investiment dirett barrani jappoġġa dan l-għan.

Durata u impatt finanzjarju

☐ Il-proposta / L-inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ L-impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

X Il-proposta / L-inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn SSSS sa SSSS,

– segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

1.6. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)[27]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi li huma ħatru;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ Korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sakemm ikunu jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku relevanti.

– *Jekk tindika iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux applikabbli

[27] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/buDGweb/EN/man/buDGmanag/Pages/buDGmanag.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Mhux applikabbli

2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

Mhux applikabbli

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……...……]	Diff./Mhux -diff[28].	minn pajjiżi tal-EFTA[29]	minn pajjiżi kandidati[30]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]	Diff / Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura……...……]	Diff / Mhux diff.	minn pajjiżi EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

[28] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[29] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[30] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-data tal-bażit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fuq DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	[Intestatura…….....……..……]

DĠ: <…….>			Sena **N**[31]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
•Approprjazzjonijiet operattivi										
Numru tal-linja bażitarja	Impenji	(1)								
	Pagamenti	(2)								
Numru tal-linja bażitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[32]										
Numru tal-linja bażitarja		(3)								
Approprjazzjonijiet TOTALI għal DĠ <…….>	Impenji	=1+1a +3								
	Pagamenti	=2+2a +3								

[31] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

[32] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURA <….> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / mill-inizjattiva:</u>

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva finanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	“Nefqa amministrattiva”

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: KUMMERĊ									
• Riżorsi umani		0,828	0,828	0,828	0,828				**0,828**
• Nefqa amministrattiva oħra		**0,088**	**0,088**	**0,088**	**0,088**				**0,088**
TOTAL DĠ KUMMERĊ	Approprjazzjonijiet	0,916	0,916	0,916	0,916				**0,916**

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: COMP/									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				0,276
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ COMP	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: CNCT									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				0,276
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ CNCT	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				0,276

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: ENER									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ ENER	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: FISMA									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ FISMA	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: GROW									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ GROW	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: MOVE									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**

• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ MOVE	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: RTD									
• Riżorsi umani		0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ RTD	Approprjazzjonijiet	0,276	0,276	0,276	0,276				**0,276**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
DĠ: TRADE-DEL									
• Riżorsi umani		0,238	0,238	0,238	0,238				**0,238**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL DĠ TRADE-DEL	Approprjazzjonijiet	0,238	0,238	0,238	0,238				**0,238**
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
Is-Servizz Legali									
• Riżorsi umani		0,138	0138	0,138	0,138				**0,138**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL Servizz Legali	Approprjazzjonijiet	0,138	0,138	0,138	0,138				**0,138**
Approprjazzjonijiet TOTALI	(Impenji totali =	3,224	3,224	3,224	3,224				**3,224**

taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti totali)								

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **N**[33]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	3,224	3,224	3,224	3,224				**3,224**
	Pagamenti	3,224	3,224	3,224	3,224				**3,224**

[33] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– x Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta / inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	TAL-OUTPUTS																	
	Tip[34]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[35]...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

[34] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[35] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku(ċi)..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– x Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N** [36]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	3,136	3,136	3,136	3,136				**3,224**
Nefqa amministrattiva oħra	0,088	0,088	0,088	0,088				**0,088**
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	3,224	3,224	3,224	3,224				**3,362**

Barra mill-INTESTATURA 5[37] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani								
Infiq ieħor ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	**3,224**	**3,224**	**3,224**	**3,224**				**3,362**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

36 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

37 Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+ 3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
02 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
03 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
06 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
08 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
09 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
12 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
20 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	6	6	6	6			
25 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	1	1	1	1			
32 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	2	2	2			
20 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	1	1	1	1			
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
•Personal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)[38]							
XX 01 02 01 (AC, ENS, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 **ss** [39] - fil-Kwartieri Ġenerali							
XX 01 04 **ss** [39] - fid-Delegazzjonijiet							
XX01 05 02 (AC, ENS, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, ENS, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							

[38] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

[39] Sottolimitu għal persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operattivi (linji "BA" preċedenti).

TOTAL	**22**	**22**	**22**	**22**			

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u / jew ikun ġie riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Uffiċjali se jkollhom: - jaġixxu bħala punti ta' kuntatt u jipproċessaw notifiki li jaslu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8, biex iħejju laqgħat tal-punti ta' kuntatt u biex jiżguraw konsistenza fir-rigward tal-opinjonijiet konsultattivi tal-Kummissjoni; - skrinjar tal-investiment dirett barrani abbażi ta' sigurtà u ordni pubbliku b'rabta ma' proġetti u proġetti u programmi ta' interess tal-Unjoni; din l-espert għandha tinbena - jiżguraw konsistenza ma' politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-acquis tal-UE b'rabta mal-moviment liberu tal-kapital, ir-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-acquis tal-UE dwar l-enerġija.
Persunal estern	

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– x Il-proposta / L-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva se teħtieġ programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

– X Il-proposta / L-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn terzi persuni.

– Il-proposta / L-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta / L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[40]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Niżżel snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu .....……								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[40] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.